MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 230/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. P. Micallef Grimaud)**
**Vs**
**Sacha (Sacha Emanuel) Said**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Malta matul dawn l-ahhar snin u cioe' qabel id-9 ta' Marzu, 2004, bhala bejjiegh tal-bolli biegh jew offra ghal bejgh bolli mhux skond il-valur muri fuqhom bi ksur tal-Avviz Legali 35/1985 Sec. 103 (kif emendant) u bil-piena skond Art. 62(5) u Art. 65 tal-Kap. 254.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju, 2005, li biha, ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu w mill-akkuza lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Illi din is-sentenza ser tindirizza l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fl-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2008 li l-procediment hu ezawrit peress li d-decizjoni tal- Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (hawn taht imsejha : "l-Awtorita'), a bazi ta' liema saret il-kwerela giet deciza bhala nulla w dan b' mod definittiv.

Rat il-kopja tas-sentenza tal-Bord tal-Appelli tas-Servizzi Postali tad-9 t' Awwissu, 2007, fl-ismijiet **"Said International Limited vs. l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni"** kif ukoll dik tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Mejju, 2008, fl-istess ismijiet, esebiti mid-difiza fl-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2008.

Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih il-partijiet qablu li biex bdew il-proceduri kriminali odjerni kienet mehtiega l-kwerela tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni skond l-artikolu 64 tal-Kap.254.

Ghalkemm, bla pregudizzju ghal din l-eccezzjoni fl-istess udjenza din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Dr. Paul Micallef, Herbert Camenzuli w Edward Borg, din il-Qorti ser tiddeciedi din l-eccezzjoni billi, jekk tigi milqugha, l-procediment jigi tronkat f' dan l-istadju.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tara li hu xieraq li tosserva li dan l-appell ha tant zmien biex jigi trattat u deciz ghaliex tul dawn l-ahhar tlitt snin din il-Qorti kienet qed tistenna l-ezitu definittiv tal-appell li s-socjeta' Said International Limited (hawn taht imsejjha "is-socjeta'") - li taghha l-appellat hu direttur - kienet intavolat mid-decizjoni tal-Awtorita' quddiem il-Postal Services Appeals Board u aktar tard, tal-appell li l-Awtorita' kienet intavolat quddiem

il-Qorti tal-Appell. Kien biss proprju fl-ahhar udjenza li din il-Qorti fl-ahhar giet infurmata li dak l-appell gie deciz mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza fuq imsemmija.

Mill-ezami akkurat ta' din l-ahhar sentenza jidher li issa dak li gie deciz definittivament hu li s-sentenza tal-Bord tal-Appell Dwar is-Servizzi Postali tad-9 t' Awwissu, 2007 giet konfermata. In sustanza din l-ahhar sentenza kienet laqghet it-talba tas-socjeta' Said International Ltd. u annullat u rrevokat id-decizjoni ta' l-Awtorita' kontenuta fl-ittra tat-3 ta' Frar, 2004.

In effetti l-Bord tal-Appell Dwar is-Servizzi Postali kien iddecieda li din l-ittra tat-3 ta' Frar, 2004, li kopja taghha tinsab esebita a fol. 16 tal-process, kienet tammonta ghal <u>decizjoni</u> tal-Awtorita' u li din id-decizjoni kienet ivvizzjata minhabba l-motivazzjoni kontenuta fl-istess sentenza (li din il-Qorti mhux ser tidhol fil-merti taghha f' dan l-istadju) u ergo giet annullata w revokata.

L-ittra tal-Awtorita' tat-3 ta' Frar, 2004, iffirmata mic-Chief Legal Adviser, Dr. Paul Micallef, u indirizzata lill-appellat Sacha Said ta' Said International Ltd., (fol. 17) kienet fl-ewwel lok tghid li l-Awtorita' kienet ikkonsidrat is-sottomissjonijiet tas-socjeta' w ta' Maltapost plc . Fit-tieni lok kienet tghid li rrizulta li s-socjeta' kienet qed toffri bolol ghall-biegh bi prezz skontat taht certi kondizzjonijiet. Fit-tielet lok kienet tghid li :-

*"The Authority considers such activities by your firm as being in breach of the relevant Postal Services legislation, including of Regulation 103 of the Inland Post Regulations and of Part XI of the Postal Services act…"* ecc.

u kkonkludiet billi tghid testwalment :-

*"Your firm is therefore required to confirm to us by close of business of the 4th February 2004 that it will desist forthwith from the sale of postage stamps currently in usage at discounted prices. If your firm fails to do so<u>, this authority will have no option but to initiate the necessary</u>*

*legal action in accordance with both the Postal Services Act and the Inland Post Regulations to ensure compliance with the Law."*
(sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghal din l-ittra kien pront irrisponda l-appellat odjern bl-ittra datata 4 ta' Frar, 2004 (Fol. 18), fejn informa lill-Awtorita' li ladarba kienet ittiehdet decizjoni mill-Awtorita' hu kien ser jirriferi l-materja lill-Postal Services Appeals Board skond l-art. 5 tal-Postal Services Act.

Malli rceviet din l-ittra, dak inhar stess l-Awtorita' rrispondiet lill-appellat odjern billi regghet tenniet il-pozizzjoni taghha kontenuta fl-ittra tal-gurnata ta' qabel , i.e. 3 ta' Frar, 2004, fejn hu kien gie intimat li ser jittiehdu proceduri legali kontra tieghu w gie enfasizzat li dawn il-proceduri kienu ser ikunu ta' natura kriminali w ghalhekk ma kienux jaqghu fil-komptenza tal-Appeals Board. Din l-ittra pero' ma ziedet xejn fis-sustanza mal-ittra decizjonali tal-jum ta' qabel, cioe' tat-3 ta' Frar, 2004 u ghalhekk il-fatt li din l-ittra tal-4 ta' Frar, 2004, ma gietx ukoll dikjarata nulla - kif issottomettiet il-prosekuzzjoni- ma jbiddel xejn.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 64 (1) tal-Kap. 254 jiddisponi li :-

***"M' ghandhom jinbdew ebda procedimenti ghal xi reat taht dan l-Att minghajr il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorita' jew fuq talba taghha."***

Prezumibilment - u jinghad prezumibbilment ghax imkien fil-process ma hemm kopja ta' xi *"kunsens bil-miktub ta' l-Awtorita"* jew ta' xi *"talba*" li suppost ghamlet l-Awtorita' biex jibdew il-proceduri penali odjerni, saret it-talba lill-Pulizija biex tinhareg ic-citazzjoni mertu ta' din il-kawza. Dan il-kunsens bil-miktub u talba huma mehtiega *"ad validitatem"* .

Issa anki jekk jigi argumentat li *"il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorita' "* jew it-*"talba"* taghha biex bdew il-procedimenti f' din il-kawza huma inkorporati fl-ittra tat-3 ta' Frar, 2004,

liema ittra giet dikjarata li tammonta ghal **decizjoni** ta' l-Awtorita' biex tipprocedi, din l-ittra, kif fuq intqal, giet dikjarata nulla.

Illi *"quod nullum est, nullum producit effectum*" u ghalhekk kull talba li setghet saret lill-Pulizija - jekk stess saret - ghab-bazi tad-decizjoni inkorportata f' din l-ittra hija ukoll nulla u bla effett.

Illi fl-assenza ta' xi prova ohra ta' kunsens bil-miktub tal-Awtorita' w talba lill-Pulizija Ezekuttiva biex jinbdew il-proceduri odjerni w konsidrat ukoll li d-"decizjoni" biex jimbdew dawn il-proceduri kontenuta fl-ittra tat-3 ta' Frar, 2004, giet dikjarata bhala nulla w bla effett, jidher li ma giex osservat dak li jipprovdi l-artikolu 64 (1) fuq citat u ergo dan il-procediment kontra l-appellat ma setax jinbeda.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddisponi definittivament mill-appell billi tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellat fl-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2008 u tiddikjara l-procediment ezawrit u konsegwentement tillibera lill-appellat minn kull imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------